EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

HELPING TO MAKE FUNDAMENTAL RIGHTS
A REALITY FOR EVERYONE IN THE EUROPEAN UNION



# Sorveljanza mis-servizzi tal-informazzjoni: salvagwardji tad-drittijiet fundamentali u rimedji fl-Unjoni Ewropea

## Sommarju



*L-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxi lill-persuni kollha fl-Unjoni Ewropea (UE) ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, filwaqt li l-Artikolu 8 jiggarantixxi d-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom. Huwa jeħtieġ li dik id-dejta tiġi ttrattata b'mod ġust għal finijiet determinati, u jiżgura d-dritt ta' aċċess ta' kull persuna għad-dejta personali tiegħu jew tagħha, kif ukoll id-dritt li dik id-dejta tiġi rrettifikata. Jistipula wkoll li awtorità indipendenti għandha tirregola l-konformità ma' dan id-dritt. L-Artikolu 47 jiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv, inkluż smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli.*

Meta l-midja dinjija bdiet tippubblika d-"dokumenti Snowden" f'Ġunju 2013, hija tefgħet dawl fuq l-eżistenza ta' programmi estensivi ta' sorveljanza globali mis-servizzi tal-informazzjoni. Ir-rivelazzjonijiet Snowden ma kinux tal-ewwel li taw ħjiel fuq programmi ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni fuq skala kbira mwaqqfin bħala konsegwenza tal-attakki tal-11 ta' Settembru 2001. Iżda, is-sinifikat vast ta' dawn ir-rivelazzjonijiet jibqa' mingħajr preċedent, u potenzjalment jaffettwa l-privatezza tan-nies madwar id-dinja. Is-sorveljanza m'għadhiex sempliċiment immirata lejn sigrieti statali jew kummerċjali, imma tippermetti l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet tan-nies fuq skala kbira. Dan jinterferixxi kemm fir-rigward tal-ħajja privata u familjari tal-individwi kif ukoll mad-dritt għall-privatezza u protezzjoni tad-dejta — it-tnejn issalvagwardati fil-livell tal-UE mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta). Bħala tali, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom obbligu li jipproteġuhom, inkluż fil-kuntest tas-sorveljanza, u biex jipprovdu lill-vittmi b'rimedji biex tiġi kkontestata s-sorveljanza illegali.

*"Tali sorveljanza fuq skala kbira u mhux immirata hija sproporzjonata fiha nnifisha u tikkostitwixxi ndħil mhux iġġustifikat fid-drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta."*
(QĠUE, C-362/14, *Maximillian Schrems vs Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data*, Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, 23 ta' Settembru 2015)

Ir-rivelazzjonijiet qanqlu firxa ta' reazzjonijiet. Fil-komunità tal-informazzjoni, b'mod partikolari fost korpi speċjalizzati responsabbli biex jissorveljaw is-servizzi tal-informazzjoni, inkjesti apposta u rapporti speċjali fuq ir-rivelazzjonijiet Snowden flew iktar l-implikazzjonijiet tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-UE rreaġixxew b'mod qawwi. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew kollha rrappurtaw dwar ir-rivelazzjonijiet, esprimew tħassib dwar il-programmi ta' sorveljanza fuq skala kbira, talbu kjarifika mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti, u ħadmu fuq "il-bini mill-ġdid tal-fiduċja" fir-relazzjonijiet US-UE. Għalkemm għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-impatt sħiħ tal-rivelazzjonijiet Snowden, inkjesti wara l-każ Snowden f'xi Stati Membri tal-UE kkonkludew li l-oqfsa legali nazzjonali attwali tagħhom jeħtieġu riforma. Dan kien issottolineat iktar bir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Marzu 2014 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u dwar il-kooperazzjoni transatlantika fil-Ġustizzja u l-Intern [2013/2188 (INI), P7_TA (2014) 0230], bit-tnedija ta ' *Habeas Corpus Diġitali Ewropew*.

*"Il-rivelazzjonijiet Snowden tawna l-opportunità li nirreaġixxu. Nittama li nibdlu dawk ir-reazzjonijiet f'xi ħaġa pożittiva u dejjiema fil-mandat li jmiss ta' dan il-Parlament, karta tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-dejta li aħna kollha nistgħu nkunu kburin biha","*
(Claude Moraes, MEP, Rapporteur fl-inkjesta NSA PE, Stqarrija għall-istampa, 12 Mar 2014)

# Immappjar tal-oqfsa legali tal-Istati Membri tal-UE relatati mas-sorveljanza

F'April 2014, il-Parlament Ewropew talab lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) "biex tagħmel riċerka fil-fond dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tas-sorveljanza". Il-FRA hekk għamlet billi ħejjiet mappa tal-oqfsa legali tat-28 Stati Membru tal-UE marbuta mas-sorveljanza u pprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-istandards eżistenti tad-drittijiet fundamentali. Hija ffukat fuq mekkaniżmi ta' sorveljanza u fuq ir-rimedji disponibbli għall-individwi li jallegaw ksur tad-dritt għall-privatezza tagħhom.

Ir-riċerka legali tal-FRA ma teżaminax tekniki ta' sorveljanza bħala tali. Hija teżamina kif oqfsa legali attwali jippermettu l-użu ta' tali tekniki, u tesplora r-rwol kruċjali li korpi speċjalizzati għandhom fil-sorveljanza tal-ħidma ta' servizzi tal-informazzjoni.

Barra minn hekk, hija tifli sa liema punt is-salvagwardji rilevanti jipproteġu l-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta fit-28 Stat Membru tal-UE.

"Servizzi tal-informazzjoni" għandhom mandat barrani u jiffukaw fuq theddid estern, filwaqt li "servizzi ta' sigurtà" għandhom mandat domestiku u jiffukaw fuq theddid domestiku. Ir-rapport tal-FRA juża "servizzi tal-informazzjoni" bħala terminu ġeneriku għat-tnejn.

Dan is-sommarju jippreżenta r-riżultati tar-riċerka ewlenin tal-FRA, li huma ppubblikati sħaħ fir-rapport bit-titolu *Sorveljanza mis-servizzi tal-informazzjoni: salvagwardji tad-drittijiet fundamentali u rimedji fl-UE — Immappjar tal-oqfsa legali tal-Istati Membri* (ara Aktar informazzjoni).

## Ġbir u kopertura tad-data

Għal din ir-riċerka, l-FRA eżaminat l-oqfsa legali dwar is-sorveljanza fit-28 Stat Membru tal-UE, billi analizzat liġijiet u standards rilevanti tad-drittijiet fundamentali biex ippreżentat analiżi komparattiva tal-kuntest legali tas-sorveljanza fi ħdan l-UE.

Fuq il-bażi tat-tweġibiet ipprovduti mill-Franet, netwerk ta' riċerka multidixxiplinari tal-aġenzija, l-FRA ġabret dejta u informazzjoni permezz ta' riċerka dokumentarja fit-28 Stat Membru tal-UE. Informazzjoni addizzjonali nġabret permezz ta' skambji ma' msieħba ewlenin, inkluż numru ta' uffiċjali ta' komunikazzjoni nazzjonali tal-FRA fl-Istati Membri, korpi speċjalizzati, u esperti individwali. Ir-riżultati jutilizzaw rapporti eżistenti u pubblikazzjonijiet immirati biex jgħinu leġiżlaturi nazzjonali fit-twaqqif ta' oqfsa legali għas-servizzi tal-informazzjoni u s-sorveljanza demokratika tagħhom.

It-tieni rapport soċjo-legali b'opinjonijiet tal-FRA, ibbażati fuq riċerka empirika, se jiġi ppubblikat fi stadju iktar tard, b'firxa ikbar tar-riżultati ppreżentati hawn.

# Salvagwardji tad-drittijiet fundamentali u d-dritt tal-UE

*"Il-verità iebsa hija li l-użu tat-teknoloġija tas-sorveljanza fuq skala kbira effettivament telimina għal kollox id-dritt għall-privatezza tal-komunikazzjonijiet fuq l-Internet."*
(*Nazzjonijiet Uniti (NU), Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-Terroriżmu (2014)*, Ir-Raba' rapport annwali ppreżentat lill-Assemblea Ġenerali, *A/69/397, it-23 ta' Settembru, 2014*)

L-Istati Membri tal-UE huma kollha marbuta bl-istandards minimi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem żviluppati min-Nazzjonijiet Uniti (NU), li huma ta' applikazzjoni universali, bħar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għall-privatezza fl-era diġitali (Dok. A/ HRC/28/L.27, 24 ta' Marzu, 2015). Diversi korpi esperti u tat-trattat tan-NU kkundannaw il-prattiki ta' sorveljanza fuq skala kbira wara r-rivelazzjonijiet Snowden. L-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), ifissru wkoll standards minimi. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), huwa rilevanti. Fl-aħħarnett, f'qasam fejn regolamenti internazzjonali limitati biss — minbarra d-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem eżistenti — japplikaw direttament, huma

importanti wkoll miżuri awtoregolatorji u liġijiet mhux vinkolanti.

Ir-rapport jiffoka fuq id-drittijiet għall-privatezza u protezzjoni tad-dejta, li huma mħarsa fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta. Id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta huwa stabbilit ukoll fid-dritt primarju u sekondarju tal-UE, li jiżgura li, fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, l-ipproċessar ta' dejta personali jitwettaq b'mod legali u biss sal-punt meħtieġ sabiex jissodisfa l-għan leġittimu segwit. Dawn id-drittijiet jestendu għall-persuni kollha, kemm jekk huma ċittadini tal-UE jew ta' pajjiżi terzi. Skont l-Artikolu 52 (1) tal-Karta, kull limitazzjoni għal dan id-dritt għandha tkun neċessarja u proporzjonata, fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni, tkun prevista bil-liġi, u tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet.

Minkejja l-eżistenza ta' linji gwida internazzjonali, m'hemm l-ebda ftehim uniformi dwar "sigurtà nazzjonali" fi ħdan l-UE. La l-leġiżlazzjoni tal-UE u lanqas il-ġurisprudenza tal-QĠUE ma jiddefinixxu ulterjorment dan il-kunċett, għalkemm il-QĠUE iddikjarat li l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet fundamentali għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv u jkunu ġġustifikati.

Din it-tifsira li mhijiex ċara ta' "sigurtà nazzjonali" għandha riperkussjonijiet għall-applikabbiltà taddritt tal-UE. L-Artikolu 4 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi li "s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru" tal-UE. Dan ma jfissirx li l-eżenzjoni tas-"sigurtà nazzjonali" tagħmel lid-dritt tal-UE kompletament inapplikabbli. L-interpretazzjoni ta' "sigurtà nazzjonali" fil-livell ta' Stat Membru u l-mod li bih programmi ta' sorveljanza jitwettqu tista' tiġi vvalutata millistituzzjonijiet tal-UE, partikolarment il-QĠUE.

## Tipi ta' sorveljanza: immirati u mhux immirati

Ir-riċerka tal-FRA teżamina kif kemm sorveljanza mmirata kif ukoll dik mhux immirata huma organizzati taħt oqfsa legali tal-Istati Membri tal-UE.

Il-Kumitat ta' Reviżjoni Olandiż għas-Servizzi tal-Informazzjoni u tas-Sigurtà (CTIVD) jiddefinixxi sorveljanza mmirata u dik mhux immirata kif ġej:

- interċettazzjoni mmirata tirrigwarda "[i] nterċettazzjoni fejn il-persuna, l-organizzazzjoni jew karatteristika teknika li lejhom il-ġbir tad-dejta hija mmirata tista' tiġi speċifikata bil-quddiem";
- interċettazzjoni mhux immirata tirrigwarda "[i] nterċettazzjoni fejn il-persuna, l-organizzazzjoni jew karatteristika teknika li lejha l-ġbir tad-dejta hija mmirata ma tistax tiġi speċifikata bil-quddiem".

CTIVD, *Rapport Annwali 2013–2014*, The Hague, 31 ta' Marzu 2014, p. 45–46

L-iskala enormi ta' dejta miġbura permezz tal-programmi ta' sorveljanza mikxufa — bħal PRISM, Xkeyscore u Upstream — attivat reazzjonijiet ta' sinifikat kbir. "Sorveljanza fuq skala kbira" (spiss tinftiehem bħala mhux immirata) tinvolvi ġbir ta' ammonti ta' dejta ferm differenti minn metodi ta' sorveljanza tradizzjonali sigrieta (immirata), bħall-ittappjar tat-telefown. Din tal-aħħar hija bbażata fuq is-suspett minn qabel ta' individwu jew organizzazzjoni speċifiċi. Dan it-tip ta' sorveljanza huwa prevalenti fi, u rrikonoxxut mil-liġijiet tal-Istati Membri tal-UE. Il-maġġoranza kbira tal-oqfsa legali tal-Istati Membri tal-UE ma jirregolawx jew saħansitra jirreferu għal "sorveljanza fuq skala kbira" bħala tali. Ftit Stati Membri tal-UE biss għandhom leġiżlazzjoni dettaljata fuq l-informazzjoni fuq is-sinjali (SIGINT), li huwa t-terminu ġeneriku użat biex jiddeskrivi l-interċettazzjoni ta' sinjali minn sorsi differenti mis-servizzi tal-informazzjoni. Ir-riċerka tal-FRA tuża l-kliem informazzjoni tas-sinjali fl-analiżi kollha tagħha.

SIGINT titnissel mill-informazzjoni militari. Hija tirreferi għall-ġbir awtomatizzat ta' informazzjoni permezz tal-interċettazzjoni u l-ġbir ta' dejta diġitali relatata ma' attività tal-informazzjoni. L-istampa tenfasizza li sinjali miġbura huma ffiltrati bl-użu ta' diskriminanti jew seletturi — sett ta' parametri mqiegħda fil-proċess ta' filtrazzjoni, jew *a priori* jew dinamikament, sabiex jiġu ddefiniti l-kriterji li se jiddeterminaw liema dejta tinħażen sabiex tinkiseb l-informazzjoni rilevanti (per eżempju, "l-indirizzi kollha tal-imejl użati fil-komunikazzjonijiet mal-Jemen").

**Figura: Mudell konċettwali tal-informazzjoni tas-sinjali**




*Sors: United States, National Research Council [L-Istati Uniti, Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka (2015)], p. 28*

Il-United States National Research Council of the National Academies (L-Istati Uniti, Kunsill Nazzjonali tar-Riċerka tal-Akkademji Nazzjonali) irrifera għall-informazzjoni tas-sinjali bħala terminu wiesa' li jinkludi kwalunkwe dejta maħżuna f'apparat elettroniku. Il-Kummissjoni ta' Venezja tuża s-SIGINT bħala terminu kollettiv għall-mezzi u l-metodi għall-interċettazzjoni u l-analiżi ta' komunikazzjonijiet bir-radju (inkluż telefown bis-satellita u ċellulari) u l-komunikazzjonijiet mgħoddija bil-kejbil.

Analiżi tal-FRA tal-oqfsa legali li jirregolaw metodi ta' sorveljanza tas-servizzi tal-informazzjoni turi li l-liġijiet ta' ħames Stati Membri tal-UE (Franza, il-Ġermanja, l-Olanda, l-Isvezja u r-Renju Unit) jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li jippermettu l-użu kemm ta' sorveljanza mmirata kif ukoll mhux immirata, bħall-informazzjoni tas-sinjali. Liġijiet ta' Stati Membri oħrajn ma jispeċifikawx biżżejjed dawn il-kundizzjonijiet, biex b'hekk ifixklu analiżi legali tal-proċeduri eżatti fis-seħħ fil-ġbir ta' informazzjoni tas-sinjali. Anki għalkemm il-liġijiet f'dawn il-pajjiżi ma jirreferixxux speċifikament għas-SIGINT, madankollu din tista' ssir.Iżda, peress li l-prattika hija preskritta biss fil-miżuri regolatorji mhux ippubblikati f'dawn il-pajjiżi, analiżi tal-oqfsa legali applikabbli mhux se tagħti ħjiel dwar il-kwistjoni.

# Riżultati ewlenin

## Servizzi tal-informazzjoni u l-liġijiet ta' sorveljanza

### Għan u struttura tas-servizzi tal-informazzjoni

L-għan ewlieni tas-servizzi tal-informazzjoni f'soċjetajiet demokratiċi huwa li tiġi protetta s-sigurtà nazzjonali u l-valuri fundamentali ta' soċjetà miftuħa bl-użu ta' għodod tal-informazzjoni sigrieti.

L-organizzazzjoni tal-komunità tal-informazzjoni fi Stati Membri individwali tal-UE hija marbuta mill-qrib mal-iżviluppi storiċi speċifiċi għal kull pajjiż, u mhux bilfors tirrispetta standards tad-drittijiet fundamentali. Minħabba f'hekk, is-servizzi tal-informazzjoni huma stabbiliti fi ħdan l-UE b'modi li huma differenti għall-kollox.F'xi Stati Membri, żewġ servizzi tal-informazzjoni jagħmlu x-xogħol, filwaqt li f'oħrajn, ħames jew sitt entitajiet huma responsabbli.

- Kważi l-Istati Membri tal-UE kollha stabbilixxew mill-inqas żewġ entitajiet tas-servizzi

tal-informazzjoni differenti, waħda għal kwistjonijiet ċivili u oħra għal kwistjonijiet militari; dawn tal-aħħar mhumiex koperti f'dan ir-rapport. Servizzi tal-informazzjoni ċivili huma ġeneralment subordinati għal ministeri tal-affarijiet interni, u xi kultant ukoll għall-prim ministru jew il-president.

- F'xi Stati Membri, is-servizzi ċivili huma maqsumin ulterjorment f'servizz b'mandat domestiku u ieħor b'mandat barrani. Barra minn hekk, xi Stati Membri fdaw miżuri tal-informazzjoni lill-unitajiet speċjalizzati f'theddida partikolari, bħall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni jew il-ġlieda kontra t-terroriżmu.

## Il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali

Ir-riċerka tal-FRA teżamina l-kunċett ta' "sigurtà nazzjonali" fid-dawl tal-mandat tas-servizzi tal-informazzjoni u l-miżuri ta' sorveljanza li jistgħu jwettqu. Għal darb'oħra r-riżultati juru diversità kbira fost l-Istati Membri tal-UE.

- L-għan primarju tas-servizzi tal-informazzjoni huwa l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, imma l-kunċett mhuwiex armonizzat fost l-Istati Membri. L-ambitu tas-sigurtà nazzjonali rarament huwa definit, u xi kultant jintużaw termini simili. Stati Membri oħra lanqas biss jużaw t-terminu "sigurtà nazzjonali" u jirreferu minflok għal "sigurtà interna" u/jew "sigurtà esterna", jew għal "sigurtà tal-istat".
- L-ambitu tal-kompiti varji tas-servizzi tal-informazzjoni (i.e. il-mandat tagħhom) mhuwiex identiku fi ħdan l-Istati Membri tal-UE. Minbarra l-oqsma iktar tradizzjonali, il-mandati ta' xi servizzi tal-informazzjoni jinkludu l-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità. Dawn it-termini mhumiex iddefiniti b'mod armonjuż.

## Regolament legali tas-sorveljanza

Il-linja bejn il-kompiti tal-infurzar tal-liġi u dawk tas-servizzi tal-informazzjoni kultant tkun imċajpra. Kull espansjoni tal-kompiti għandha tkun iġġustifikata kif suppost bħala neċessarja sabiex jitħares l-istat, li hija r-raġuni sottostanti għat-twaqqif tas-servizzi tal-informazzjoni.

- Ħafna oqfsa legali tal-Istati Membri jirregolaw biss is-sorveljanza mmirata, jew ta' individwi jew ta' gruppi/organizzazzjonijiet definiti. Minbarra li indirizzaw is-sorveljanza mmirata, ħames Stati Membri għaddew liġijiet dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-użu ta' informazzjoni tas-sinjali.
- Meta wieħed iħares lejn l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem applikabbli, isib li l-oqfsa legali nazzjonali m'għandhomx definizzjonijiet ċari li jindikaw il-kategoriji ta' persuni u l-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jkunu suġġetti għal ġbir tal-informazzjoni.
- Is-servizzi tal-informazzjoni huma rregolati bil-liġi fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri (26 minn 28). Dispożizzjonijiet legali jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-servizzi tal-informazzjoni tal-pajjiżi. Il-kostituzzjoni ta' Stat Membru wieħed tipprojbixxi s-servizz tal-informazzjoni tiegħu milli jagħmel is-sorveljanza. Stat Membru ieħor huwa fil-proċess li jgħaddi leġiżlazzjoni li se tirregola l-prattiki ta' sorveljanza tas-servizzi tal-informazzjoni tiegħu.
- Analiżi tal-FRA turi li l-bażi legali li tkopri l-mandati u poteri tas-servizzi tal-informazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE jvarjaw minn att legali uniku li jirregola l-organizzazzjoni u l-mezzi tas-servizzi nazzjonali, sa oqfsa kumplessi li jikkonsistu minn diversi liġijiet u ordinanzi li jirregolaw aspetti speċifiċi tal-mandat, l-organizzazzjoni, il-kompetenzi jew il-mezzi tagħhom.
- Bosta Stati Membri jorganizzaw il-ħidma tas-servizzi tal-informazzjoni f'żewġ liġijiet: waħda dwar il-mandat u l-organizzazzjoni tas-servizz, u l-oħra fuq il-mezzi ta' azzjoni u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.
- Ħafna mill-Istati Membri tal-UE (23 minn 28) isseparaw is-servizzi tal-informazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Żewġ Stati Membri reċentement tbiegħdu minn sistemi li fihom is-servizzi tal-informazzjoni jappartjenu lill-pulizija jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi simili.

# Superviżjoni tas-servizzi tal-informazzjoni

Analiżi tal-FRA tħares lejn il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà marbuta mas-sorveljanza tas-servizzi tal-informazzjoni. Hija tiddeskrivi b'mod partikolari kif l-Istati Membri tal-UE stabbilixxew mekkaniżmi ta' sorveljanza. Is-sorveljanza hija mezz biex tiżgura responsabbiltà pubblika għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tas-servizzi tal-informazzjoni. Skond l-esperti, is-sorveljanza taħseb biex tevita l-abbuż tal-poter, tilleġittima l-eżerċizzju ta' setgħat intrużivi u tinkiseb riżultat aħjar wara valutazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi. Il-kunsens ġenerali, meħud mir-rapport

tal-Kummissjoni ta' Venezja u studji akkademiċi oħra, huwa li s-sorveljanza għandha tkun taħlita ta':

- kontroll eżekuttiv;
- sorveljanza parlamentari;
- korpi esperti;
- sħarriġ ġudizzjarju.

## Kontroll eżekuttiv u koordinazzjoni bejn il-korpi ta' sorveljanza

Il-fergħa eżekuttiva tista' tikkontrolla s-servizzi tal-informazzjoni f'varjetà ta' modi: billi tispeċifika l-politiki u l-prijoritajiet strateġiċi tagħhom, jew billi tistabbilixxi linji gwida; billi tinnomina u/jew taħtar il-maniġment għoli tas-servizz; billi tifformula l-baġit li l-parlament finalment se jivvota fuqu; jew bl-approvazzjoni tal-kooperazzjoni ma' servizzi oħra. L-eżekuttiv wkoll għandu rwol kruċjali fl-awtorizzazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza f'xi Stati Membri.

Sorveljanza effettiva teħtieġ koordinazzjoni tajba bejn il-korpi ta' sorveljanza varji biex jiġi żgurat li kull aspett tal-ħidma tas-servizzi tal-informazzjoni jkun kopert. Jekk korpi ta' sorveljanza m'għandhomx konsapevolezza ċara u komprensiva tal-ħidma tal-komunità sħiħa tal-informazzjoni nazzjonali, ikun hemm lakuni fis-superviżjoni, u l-effettività tas-sistema ta' sorveljanza kollha kemm hi tiġi mfixkla.

- Id-diversità fost l-Istati Membri tal-UE f'termini ta' politika u sistemi legali ssarrfet f'varjetà kbira ta' korpi li jissorveljaw is-servizzi tal-informazzjoni. L-Istati Membri tal-UE għandhom sistemi ta' sorveljanza differenti ħafna. Filwaqt li prattiki tajbin jistgħu jittieħdu mis-sistemi fis-seħħ, oqsma individwali jistgħu jibbenefikaw minn riforma legali biex tissaħħaħ is-setgħa tal-korpi tas-superviżjoni.
- Taħlita kbira ta' setgħat jingħataw lid-diversi korpi ta' sorveljanza, u jvarja wkoll sa liema punt huma jistgħu jeżerċitaw dawn is-setgħat.
- Seba' Stati Membri għandhom sistemi ta' sorveljanza li jgħaqqdu l-eżekuttiv, il-parlament, il-ġudikatura (permezz ta' approvazzjoni *ex ante*) u korpi esperti. Madankollu, dawn ma jinkludu l-ebda wieħed mill-pajjiżi li għandu qafas legali li jippermetti l-ġbir tal-informazzjoni tas-sinjali.
- Is-sorveljanza effettiva ma teħtieġx neċessarjament l-erba' tipi kollha ta' mekkaniżmi ta' sorveljanza. Sorveljanza bħal din tista' ssir sakemm il-korpi fis-seħħ jikkumplimentaw lil xulxin u tikkostitwixxi inġenerali sistema b'saħħitha kapaċi li tivvaluta jekk il-mandat tas-servizzi tal-informazzjoni twettaqx kif jixraq. Dan iseħħ jekk is-setgħat ta' sorveljanza jkopru l-oqsma kollha ta' attività ta' servizz ta' informazzjoni. Meta l-mandat innifsu ma jkunx ċar jew żviluppat biżżejjed, madankollu, korpi ta' sorveljanza ma jkunu jistgħu jeżerċitaw l-ebda influwenza.
- L-aċċess għal informazzjoni u dokumenti mill-korpi ta' sorveljanza huwa essenzjali. Filwaqt li informazzjoni miġbura mis-servizzi tal-informazzjoni hija sensittiva, u s-salvagwardji għandhom jiggarantixxu li tiġi ttrattata kif jixraq, korpi ta' sorveljanza ma jistgħux iwettqu l-kompiti tagħhom mingħajr ma jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha. Iżda jidher li l-oppost huwa r-regola.

## Sorveljanza parlamentari

Is-sorveljanza parlamentari hija importanti minħabba r-responsabbiltà tal-parlament li jżomm lill-gvern responsabbli. Il-parlament, bħala l-leġiżlatur, huwa responsabbli għall-promulgazzjoni ta' leġiżlazzjoni ċara u aċċessibbli li tistabbilixxi s-servizzi tal-informazzjoni u li tispeċifika l-organizzazzjoni, is-setgħat speċjali u l-limitazzjonijiet tagħhom. Huwa responsabbli ukoll mill-approvazzjoni tal-baġit tas-servizzi tal-informazzjoni, u f'xi Stati Membri jifli jekk l-operazzjonijiet tagħhom humiex konformi mal-qafas legali.

- Ir-riżultati tal-FRA juru li 24 Stat Membru tal-UE jinvolvu sorveljanza parlamentari; f'21 minn dawn, kumitati parlamentari speċjali jissorveljaw is-servizzi tal-informazzjoni. Xi Stati Membri waqqfu kumitat parlamentari wieħed biex jittratta d-diversi servizzi tas-sigurtà u tal-informazzjoni, filwaqt li oħrajn ħolqu diversi kumitati biex jittrattaw mas-servizzi individwalment.
- L-ebda kumitat parlamentari ta' Stat Membru ma jingħata aċċess bla restrizzjonijiet għal dan it-tip ta' informazzjoni.

- Il-kumitati parlamentari differenti fl-Istati Membri għandhom mandati li jvarjaw: il-parti l-kbira għandhom setgħat superviżorji tradizzjonali relatati mal-leġiżlazzjoni, il-baġit u li tiġi rċevuta l-informazzjoni fuq il-funzjoni tas-servizzi, filwaqt li ftit minnhom biss jistgħu jittrattaw l-ilmenti, jieħdu deċżjonijiet li jorbtu lis-servizzi tal-informazzjoni jew jgħinu fl-approvazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza.

- F'termini tas-setgħa tal-kumitati parlamentari sabiex jagħtu bidu għal investigazzjonijiet, il-liġijiet tal-parti l-kbira tal-pajjiżi jawtorizzaw dawn il-kumitati li jitolbu informazzjoni misservizzi tal-informazzjoni jew mill-eżekuttiv, iżda mhux li dan jeżiġuh.

## Sorveljanza Esperta

Sorveljanza esperta hija ta' valur eċċezzjonali peress li tippermetti lil individwi li huma familjari massuġġett, ikollhom il-ħin li jiddedikaw għall-kwistjoni, u huma indipendenti minn lealtajiet politiċi sabiex jiflu l-azzjonijiet tas-servizzi tal-informazzjoni. Skont il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, ħafna drabi huma jkunu fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu superviżjoni minn jum għal jum fuq l-attività tas-servizz tas-sigurtà u tal-informazzjoni.

- Għalkemm sorveljanza parlamentari hija kruċjali, għandha tiġi kkumplimentata minn korpi oħra ta' sorveljanza, b'mod partikolari minn entitajiet esperti b'saħħithom li jistgħu jissorveljaw l-attivitajiet operattivi, inklużi l-ġbir, l-iskambju u l-użu ta' dejta personali, kif ukoll il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata.

- Fi ħdan l-UE, 15-il Stat Membru waqqfu korp espert wieħed jew iktar ddedikati esklussivament għas-sorveljanza tas-servizzi talinformazzjoni. Il-kompetenzi tagħhom jinkludu l-awtorizzazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza, l-investigazzjoni ta' lmenti, it-talba għal dokumenti u informazzjoni mis-servizzi tal-informazzjoni, u l-għoti ta' pariri lill-eżekuttiv u/jew lillparlament. Biex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tagħhom, huma għandhom jingħataw indipendenza, riżorsi u setgħat adegwati.

- F'xi Stati Membri, l-awtorizzazzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza ma tinvolvi l-ebda istituzzjoni li hija indipendenti mis-servizzi tal-informazzjoni u tal-eżekuttiv.

- Fi Stati Membri li għandhom korp indipendenti biex jawtorizza miżuri ta' sorveljanza, is-sorveljanza mmirata għandha tendenza li teħtieġ approvazzjoni ġudizzjarja, filwaqt li approvazzjoni permezz ta' korpi esperti hija s-soluzzjoni l-oħra ppreferuta.M'hemm l-ebda approċċ komuni għas-sorveljanza tal-ġbir tal-informazzjoni tas-sinjali.

- Filwaqt li huwa indispensabbli li jiġu mifhuma l-aspetti legali tas-sorveljanza, korpi esperti għandhom ikunu wkoll teknikament kompetenti. Ċerti Stati Membri jiżguraw dan billi jinkludu esperti minn firxa ta' oqsma, inkluża t-teknoloġija tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni (ICT). Oħrajn jiddependu ħafna fuq taħlita ta' mħallfin u parlamentari attwali jew preċedenti.

Fl-Istati Membri tal-UE, awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta (DPSs) — korpi speċjalizzati li jieħdu ħsieb is-salvagwardja tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta — ingħataw rwol fundamentali fis-salvagwardja tad-dejta personali. Dan ir-rwol huwa stabbilit fil-liġi primarja u sekondarja tal-UE. Iżda korpi esperti speċjalizzati fis-sorveljanza tas-servizzi tal-informazzjoni bla dubju għandhom kompetenza rrikonoxxuta fil-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta fil-qasam tal-informazzjoni.

- Ir-riżultati tal-FRA juru li, imqabblin ma' attivitajiet oħra li jipproċessaw dejta u kontrolluri taddejta tas-settur pubbliku u privat, DPAs f'seba' Stati Membri għandhom l-istess poteri fuq isservizzi tal-informazzjoni kif għandhom fuq kull kontrolluri oħra tad-dejta. Fi 12-il Stat Membru, DPAs m'għandhom l-ebda kompetenza fuq servizzi tal-informazzjoni, u f'disgħa minnhom is-setgħat tagħhom huma limitati.

- Fi Stati Membri fejn DPAs u korpi esperti oħrajn ta' sorveljanza jikkondividu l-kompetenza, nuqqas ta' kooperazzjoni bejn dawn jista' jħalli lakuni li jirriżultaw minn responsabbiltajiet frammentati. Fi Stati Membri fejn DPAs m'għandhomx kompetenza fuq is-servizzi tal-informazzjoni, ilkorp tas-sorveljanza huwa responsabbli biex jiżgura li s-salvagwardji tal-privatezza u talprotezzjoni tad-dejta jiġu applikati kif suppost.

- Ir-riċerka mill-FRA fil-passat fil-qasam tal-aċċess għal rimedji tal-protezzjoni tad-dejta tidentifika l-ħtieġa li titjieb il-kapaċità tad-DPAs; dan huwa importanti minħabba r-rwol li d-DPAs jista' jkollhom fis-superviżjoni tas-servizzi tal-informazzjoni.

## Rimedji

Skond l-istandards internazzjonali applikabbli, kull min ikollu suspett li hu/hi l-vittma ta' ksur tal-privatezza jew tal-protezzjoni tad-dejta għandu jkollu/jkollha l-opportunità li j/tfittex rimedju għas-sitwazzjoni. Id-dritt għal rimedju effettiv — li jippermetti individwi li jfittxu rimedju għal ksur tad-drittijiet tagħhom — huwa komponent essenzjali għall-aċċess għall-ġustizzja. Rimedju għandu jkun "effettiv" fil-prattika u fil-liġi.

Kif juru rapporti tal-FRA preċedenti dwar l-aċċess għal rimedji tal-protezzjoni tad-dejta u dwar l-aċċess għall-ġustizzja, numru ta' mezzi ta' rimedju huma disponibbli għall-vittmi ta' ksur tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta. Korpi mhux ġudizzjarji għandhom rwol ta' rimedju importanti fil-qasam tas-sorveljanza, minħabba d-diffikultajiet prattiċi fl-aċċess tal-qrati ġenerali. Korpi mhux ġudizzjarji fit-28 Stat Membru tal-UE jinkludu korpi esperti (inklużi DPAs), eżekuttivi u parlamentari, kif ukoll istituzzjonijiet tal-ombudsman. F'xi Stati Membri, in-numru ta' korpi mhux ġudizzjarji bi rwoli ta' rimedju fil-qasam tas-sorveljanza huwa relattivament inkoraġġanti, iżda għandu jkun ikkunsidrat fid-dawl tar-riżultati li ġejjin.

Il-kumplessità tax-xena rimedjali ma tiffaċilitax l-implimentazzjoni ta' rimedji effettivi, u lanqas l-ammont ta' dejta miġbura mis-servizzi tal-informazzjoni li jagħmlu s-SIGINT. Frammentazzjoni u kompartimentalizzazzjoni ta' toroq ta' rimedju differenti għamluha diffiċli biex jitfittxu r-rimedji. Fil-fatt, id-dejta miġbura turi li numru limitat ta' każijiet biss li jikkontestaw il-prattiki ta' sorveljanza ġew aġġudikati fil-livell nazzjonali minn mindu saru r-rivelazzjonijiet Snowden.

### Obbligu ta' informazzjoni u d-dritt ta' aċċess

Id-dritt ta' notifika u ta' aċċess għall-informazzjoni huwa kruċjali biex individwi jkollhom twissija dwar miżuri ta' sorveljanza u biex jibdew azzjoni ta' rimedju. Iżda l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) aċċettat li dawn id-drittijiet jistgħu ġustifikabbilment jiġu limitati (ara QEDB, *Klass et vs. Il-Ġermanja*, Nru 5029/71, 6 ta' Settembru, 1978). Ir-riżultati tal-FRA juru li s-segretezza madwar il-ħidma tas-servizzi tal-informazzjoni tabilħaqq tillimita dawn id-drittijiet. Fattur ieħor huwa l-ammont kbir ħafna ta' dejta miġbura permezz tas-SIGINT meta mqabbla ma' forom iktar tradizzjonali ta' sorveljanza.

- Fi tmien Stati Membri, l-obbligu ta' informazzjoni u d-dritt ta' aċċess bl-ebda mod ma huma previsti fil-liġi; japplikaw ir-regoli dwar dokumenti kklassifikati jew dwar sigrieti uffiċjali. Fl-20 Stati Membru l-ieħor, il-leġiżlazzjoni tipprovdi għall-obbligu ta' informazzjoni u d-dritt ta' aċċess, f'xi każijiet f'perijodi speċifiċi, għalkemm b'restrizzjonijiet. Dawn ir-restrizzjonijiet jinkludu raġunijiet varji, bħas-sigurtà nazzjonali, l-interessi nazzjonali jew l-għan tal-miżura ta' sorveljanza nnifsu.
- Żewġ Stati Membri biss għandhom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-obbligu ta' informazzjoni fil-kuntest ta' informazzjoni tas-sinjali: f'wieħed minnhom, l-individwi mhumiex infurmati jekk is-seletturi użati mhumiex direttament attribwibbli lill-individwu; fl-ieħor, l-individwu ma jiġix infurmat jekk id-dejta personali miksuba titħassar immedjatament wara l-ġbir u ma tiġix ipproċessata iktar.
- Il-korpi ta' sorveljanza ta' 10 Stati Membri tal-UE, inklużi sitt DPAs nazzjonali, jeżaminaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt li tingħata informazzjoni u d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni billi jivverifikaw jekk it-theddida għas-sigurtà nazzjonali invokata hijiex raġonevoli, u/jew billi jiġi eżerċitat indirettament id-dritt ta' aċċess tal-individwu. Fil-każ tal-aħħar, il-korpi jivvalutaw jekk l-aċċess għad-dejta jistax jingħata jew jekk ir-rifjut li jsir dan huwiex leġittimu, u jiflu wkoll il-legalità tal-ipproċessar tad-dejta. Fi Stat Membru wieħed hemm il-ħtieġa ta' mandat tal-qorti li jiċċertifika li n-notifika tipperikola l-investigazzjoni jew hemm argumenti oħra kontriha.
- Żewġ Stati Membri oħra ma jagħtux dritt ta' aċċess għall-informazzjoni bħala tali. Madankollu, il-liġi tipprovdi għal dritt li jipproduċi l-istess riżultat: individwu jista' jitlob lil korp ta' sorveljanza biex jivverifika jekk id-dejta tiegħu/tagħha hijiex suġġetta għal sorveljanza illegali.
- F'ċerti Stati Membri, il-korp ta' sorveljanza involut fl-eżerċizzju indirett tad-dritt tal-individwu li jitlob aċċess għad-dejta la jikkonferma u lanqas jiċħad l-ipproċessar tad-dejta. It-tweġibiet huma normalment limitati għal affermazzjoni li l-ilment ġie ttrattat u/jew ċċekkjat.

### Rimedji ġudizzjarji

Kull Stat Membru jagħti lill-individwi l-opportunità li jilmentaw dwar ksur tal-privatezza permezz tal-qrati, irrispettivament minn jekk dawn seħħew minħabba informazzjoni mmirata jew tas-sinjali. Il-qrati jipprovdu triq għall-individwi biex jilmentaw dwar indħil fil-privatezza tagħhom, inklużi kontestazzjonijiet

ta' deċiżjonijiet ta' korpi superviżorji dwar talbiet tagħhom ta' vjolazzjonijiet tal-privatezza. Huma jagħtu wkoll lill-individwi l-opportunità li jfittxu rimedji — inkluż fil-qasam tas-sorveljanza.

- Iżda riċerka tal-FRA fil-passat identifikat in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni tal-imħallfin fil-protezzjoni tad-dejta bħala ostaklu serju għal rimedju effettiv tal-ksur tal-protezzjoni tad-dejta. Dan ir-riżultat huwa rilevanti għas-sorveljanza, fejn, minbarra s-segretezza meħtieġa marbuta mal-informazzjoni, hija essenzjali, pereżempju, il-kompetenza rilevanti fl-ICT jew fl-informazzjoni.
- Żewġ Stati Membri biss taffew in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni fir-rigward ta' rimedji billi jinvolvu mħallfin/tribunali li t-tnejn ikollhom l-għarfien meħtieġ għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiddeċiedu fuq (ta' spiss) materji tekniċi, u jkollhom permess għall-aċċess għal materjal sigriet.

## Rimedji mhux ġudizzjarji

Għażliet mhux ġudizzjarji huma ġeneralment iktar aċċessibbli għall-individwi milli mekkaniżmi ġudizzjarji għaliex ir-regoli proċedurali huma anqas stretti, it-tressiq ta' lmenti huwa inqas għali u l-proċeduri huma iktar veloċi. Evidenza tal-FRA preċedenti tikkonferma dan, b'mod partikolari fil-kuntest tal-protezzjoni tad-dejta, hekk kif iktar ilmenti għandhom tendenza li jiġu ppreżentati lid-DPAs nazzjonali u huma ftit il-kwerelanti li jsegwu proċedimenti ġudizzjarji. In-numru ta'korpi mhux ġudizzjarji — minbarra DPAs — li allegatament jopperaw fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta huwa żgħir, madankollu, u ħafna korpi mhux ġudizzjarji għandhom setgħa limitata biss biex joffru rimedji.

- Il-korpi ta' sorveljanza (inklużi d-DPAs) inkarigati milli jieħdu ħsieb l-ilmenti huma istituzzjonijiet indipendenti fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri.
- Meta korp eżekuttiv ta' sorveljanza jkollu setgħat ta' rimedju, il-kwistjoni ta' indipendenza tqum meta jkollu wkoll il-poter biex jawtorizza s-sorveljanza. Korpi parlamentari u ta' esperti ta' sorveljanza għandhom strutturi amministrattivi iktar awtonomi — imma l-awtonomija ma tiggarantixxix rimedju effettiv sakemm ma tkunx sostnuta wkoll minn għarfien suffiċjenti. Kif jinħatru membri ta' korpi ta' sorveljanza, u posthom fil-ġerarkija amministrattiva, huma aspetti importanti wkoll li jiġu kkunsidrati meta tiġi evalwata l-indipendenza ta' korp.
- Id-DPAs fi 13-il Stat Membru tal-UE għandhom il-poter li jeżaminaw ilmenti individwali u jieħdu deċiżjonijiet vinkolanti. Iżda fi tlieta minn dawn, is-setgħa ta' aċċess għall-fajls u l-bini hija limitata. F'ħames Stati Membri, japplikaw rekwiżiti addizzjonali — bil-ħtieġa tal-preżenza tal-kap jew membru tad-DPA matul l-ispezzjonijiet fil-bini tas-servizz tal-informazzjoni.
- Ħamsa mis-seba' Stati Membri li jafdaw il-korpi ta' sorveljanza esperti tagħhom (ħlief għad-DPAs) b'setgħat ta' rimedju speċifiċi jagħmlu dan billi jippermettu lil dawn il-korpi li joħorġu deċiżjonijiet vinkolanti. F'żewġ Stati Membri tal-UE, il-korp ta' sorveljanza eżekuttiv għandu wkoll setgħat ta' rimedju. Kumitati parlamentari f'erba' Stati Membri huma intitolati li jisimgħu ilmenti individwali, imma wieħed biss jista' jsolvihom b'deċiżjonijiet vinkolanti.
- Istituzzjonijiet tal-ombudsman, li jeżistu fit-28 Stat Membru tal-UE kollha, iktar jittrattaw nuqqasijiet amministrattivi milli l-merti attwali tas-sorveljanza. Stat Membru wieħed biss jipprovdi lill-istituzzjoni tal-ombudsman b'setgħat ta' rimedju permezz tal-liġi tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, is-setgħat tal-istituzzjonijiet tal-ombudsman jistgħu jkunu pjuttost limitati, u l-proċeduri tipikament jikkonkludu b'rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti bil-għan li jirranġaw l-affarijiet u jkun hemm gwida għal azzjoni futura, iktar milli b'sentenza infurzabbli u vinkolanti. Dan ovvjament jolqot l-effettività tar-rimedji li jkunu jistgħu jipprovdu.
- Elementi oħrajn li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess ta' individwu għal rimedji jinkludu regoli inqas stretti dwar l-oneru tal-provi u azzjonijiet kollettivi, kif ukoll protezzjoni effettiva tal-informatur (whistleblower). L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tikkunsidra l-whistleblowing bħala l-għodda l-iktar effettiva għall-infurzar tal-limiti imposti fuq is-sorveljanza.

# Konklużjonijiet

Filwaqt li jindirizza qasam ta' kompetenza ristretta tal-UE, ir-rapport jenfasizza d-diversità fost l-Istati Membri rigward kif servizzi tal-informazzjoni huma organizzati u jwettqu l-kompiti essenzjali tagħhom.

Miżuri ta' sorveljanza jinterferixxu ħafna mal-drittijiet tal-individwu. Minħabba n-natura sigrieta tagħhom, l-individwi jridu jiddependu fuq grad ta' fiduċja fl-awtoritajiet pubbliċi, li min-naħa tagħhom huma marbuta li jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-individwi. Biex jintlaħaq il-livell ta' fiduċja li soċjetà għandu jkollha fil-konfront tas-servizz tal-informazzjoni tagħha teħtieġ ir-responsabbiltà. Leġiżlazzjoni ċara u aċċessibbli, mekkaniżmi qawwija ta' sorveljanza, mekkaniżmi xierqa ta' kontroll u rimedji effettivi huma biss uħud mill-elementi essenzjali għall-kisba ta' dan it-tip ta' responsabbiltà, li bla dubju tibqa' diffiċli minħabba s-segretezza li s-servizzi tal-informazzjoni joperaw fiha. L-introduzzjoni u ż-żamma ta' leġiżlazzjoni ċara u aċċessibbli u mekkaniżmi ta' sorveljanza b'saħħithom fuq livell ta' Stat Membru jikkostitwixxu biss l-ewwel pass lejn sistema trasparenti konformi mad-drittijiet fundamentali — id-diffikultajiet li dan iseħħ jissuġġerixxu li għad hemm ostakli.

Ir-reazzjonijiet għar-rivelazzjonijiet Snowden enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu adattati u jissaħħu l-oqfsa legali rilevanti fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Ir-riċerka tal-FRA turi li għadd ta' riformi legali diġà twettqu. Valutazzjonijiet perjodiċi tal-funzjonament u l-leġittimità tal-oqfsa li jirregolaw l-attività ta' servizz tal-informazzjoni għandhom isiru parti integrali mis-sistemi ta' sorveljanza. Hija kwistjoni ewlenija wkoll kif għandhom jiġu rriformati iktar l-oqfsa legali biex jindirizzaw in-nuqqas ta' superviżjoni adegwata. Barra minn hekk, ir-riformi fl-Istati Membri tal-UE għandhom bżonn iqisu l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmi ta' sorveljanza jingħataw l-għodod u l-għarfien espert meħtieġa. Bla dubju huwa ta' sfida li dan kollu jintlaħaq, imma huwa vitali sabiex jitwettaq il-kompitu diffiċli tal-protezzjoni tas-sigurtà filwaqt li jiġu ssalvagwardati d-drittijiet fundamentali.




Il-protezzjoni tal-pubbliku minn theddid għas-sigurtà u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali jinvolvu bilanċ delikat. Attakki terroristiċi brutali u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi li jagħmlu possibbli l-monitoraġġ tad-data tal-komunikazzjoni fuq skala kbira kkumplikaw iktar il-kwistjoni, li wassal għal tħassib dwar ksur tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta f'isem il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. Ir-rivelazzjonijiet Snowden, li kixfu sforzi ta' sorveljanza estensivi u indiskriminati madwar id-dinja kollha, għamluha ċara li hemm bżonn ta' salvagwardji msaħħa ta' dawn id-drittijiet.

Dan ir-rapport, abbozzat bi tweġiba għas-sejħa tal-Parlament Ewropew għal riċerka bir-reqqa dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' sorveljanza, jagħmel mappa ta' u janalizza l-oqfsa legali tas-sorveljanza fis-seħħ fl-Istati Membri. Bl-enfasi tkun fuq l-hekk imsejħa "sorveljanza fuq skala kbira", huwa jagħti dettalji wkoll fuq mekkaniżmi ta' sorveljanza introdotti fi ħdan l-UE, juri x-xogħol ta' entitajiet inkarigati bil-verifika tal-isforzi ta' sorveljanza, u jippreżenta r-rimedji disponibbli għall-individwi li jfittxu li jikkontestaw attività ta' informazzjoni bħal din. Meta juri l-kunsiderazzjonijiet kumplessi involuti, dan ir-rapport jenfasizza kemm hu diffiċli li jiġu indirizzati dawk li huma ħafna drabi meqjusa bħala prijoritajiet li jikkompetu, u jikkontribwixxi għad-dibattitu kontinwu dwar kif l-aħjar li jiġu rrikonċiljati.

## Aktar informazzjoni:

Għar-rapport sħiħ tal-FRA — *Surveillance by intelligence services: fundamental rights safeguards and remedies in the EU – Mapping Member States' legal frameworks* (Sorveljanza mis-servizzi tal-intelligenza: salvagwardji tad-drittijiet fundamentali u rimedji fl-UE — Immappjar tal-oqfsa legali tal-Istati Membri) ara http://fra.europa.eu/en/publication/2015/surveillance-intelligence-services

Ara wkoll pubblikazzjonijiet oħrajn tal-FRA f'dan il-qasam:

- FRA-Kunsill tal-Ewropa (2014), *Handbook on European data protection law* (Manwal dwar il-liġi Ewropea tal-protezzjoni tad-data), Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2014/handbook-european-data-protection-law (disponibbli fil-lingwi tal-UE)

- FRA (2014), *Access to data protection remedies in EU Member States* (Aċċess għal rimedji għall-protezzjoni tad-dejta fl-Istati Membri), Il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, http://fra.europa.eu/en/publication/2014/access-data-protection-remedies-eu-member-states u s-sommarju tar-rapport http://fra.europa.eu/en/publication/2014/access-data-protection-remedies-eu-member-states-summary (disponibbli fil-lingwi tal-UE)

Ħarsa lejn l-attivitajiet tal-FRA fuq il-protezzjoni tad-dejta hija disponibbli fi: http://fra.europa.eu/en/theme/information-society-privacy-and-data-protection

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, 2015
Ritratt: © Shutterstock

FRA — L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Schwarzenbergplatz 11 – 1040 Vjenna – L-Awstrija
Tel. +43 158030-0 – Faks: +43 158030-699
fra.europa.eu – info@fra.europa.eu
facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

Print: ISBN 978-92-9491-015-8, doi:10.2811/645102
PDF: ISBN 978-92-9491-046-2, doi:10.2811/621291

TK-04-15-738-MT-C (print); TK-04-15-738-MT-N (PDF)